**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum, 18 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Rennie Stivala]**

**vs**

**Carmelo Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmelo Agius detentur tal-karta tal-identita' numru 248453M akkuzat talli quddiem il-Freeport f' Birzebugia fl-14 ta' Frar, 2014:

1. Ma halliex persuna ohra taghti taghrif jew provi mehtiega f' kawza civili jew Kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha;

2. Talli kkorrompa xhud sabiex jaghti xhieda falza, permezz ta' uzu ta' forza, theddid, offerta jew ghoti ta' vantagg mhux dovut sabiex tingieghel li tinghata xhieda falza;

3. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Lawrence Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 154873M biza' li se tintuza vjolenza kontrih meta kien jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Lawrence Farrugia biza' li ser tintuza vjolenza kontrih f' xi okkazzjoni.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f' kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-provvediment tal-interdett fil-konfront tal-imputat hekk kif kontemplat fl-artikolu 109 ta' Kap 9.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Dicembru, 2014 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-14 ta' Frar 2014 il-Pulizija Ezekuttiva giet mitluba mill-Awtorita' tal-Freeport sabiex tinvestiga allegat serq ta' container li kien sehh il-gurnata ta' qabel. Mill-investigazzjonijiet irrizulta li kien inhareg container bis-sigaretti mill-Freeport liema container kien qieghed jigi mizmum mid-Dwana. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni l-Pulizija kelmet lil certu Lawrence Farrugia li kien impjegat bhala delivery clerk il-Freeport fejn xoghlu kien li jkun f' kamra quddiem il-gate tal-Freeport u jikkontrolla lil kull min jidhol bit-trukk jghidlu x-xoghol li ghandu jaghmel skond il-job chit li tkun inharget. Dan Farrugia qal lill-Pulizija li fit-13 ta' Frar 2014 kien waqaf truck bin-numru 90 li kien misjuq minn certu Rokku Agius maghruf bhala Rocky u mieghu kien hemm riekeb ragel iehor. Dan Rokku Agius qal lil Farrugia li kellu jhott container vojt u t-trukk dahal il-Freeport. Xi hin wara Farrugia rcieva telefonata minghand is-supervisor tieghu John Mercieca fejn dan talbu joqghod attent ghal container li kien gie mghobbi fuq trukk abjad jekk dan jghaddi minn hdejh u dak il-hin Farrugia sostna li lemah it-trukk hiereg il-barra mill-grada tal-Freeport u jibqa' sejjer. Huwa nizel ikellem in-nies tas-Security izda dawn qalulu li ma kienu raw ebda trukk hiereg minn quddiemhom. Sussegwentement Lawrence Farrugia rraporta lil Pulizija li l-ghada waqt li huwa kien xoghol kien dahal fil-kamra tieghu l-imputat Carmelo Agius, li huwa burdnar u jigi hu Rocky Agius. Skond Farrugia l-imputat qaghad jistenna sakemm huwa kien wahdu qabel ma dahal fil-kamra u meta dahal staqsieh jekk iridx li Rocky Agius imur ikellmu u meta Farrugia wiegeb li ma kienx jaf il-ghala Rocky kellu jmur ikellmu l-imputat irrisponda li huwa kellu jinsa' x' kien ra l-gurnata ta' qabel u hareg il-barra. Lawrence Farrugia mbaghad hareg warajh u talbu sabiex jiccara x' kien qieghed jghid fejn l-imputat wiegbu sabiex ma

jispiccax hazin. Lawrence Farrugia fehem dan il-kliem bhala theddida in konnessjoni ma dak li kien ra l-gurnata ta' qabel. Abbazi ta' dak li qal Lawrence Farrugia l-Pulizija arrestat lill-imputat Carmelo Agius[1] fejn huwa ammetta li fl-14 ta' Frar 2014 kien mar ikellem lil Lawrence Farrugia izda spjega li huwa kien jghaddi ghand Farrugia minhabba n-natura tax-xoghol tieghu fil-Freeport u dakinhar kien mar sabiex jghaddilu messagg minghand huh Rokku. Meta l-imputat gie konfrontat b' dak li kien qal Lawrence Farrugia fuq il-kliem li huwa hass bhala theddid l-imputat innega li kien qal dak id-diskors u sostna li kien qallu biss sabiex jikkalma l-istorja u jekk kienx il-kaz li jmur ikellmu huh Rocky. L-imputat sostna wkoll li ma kienx jaf x' kien hemm bejn huh u Lawrence Farrugia u li kien kellmu skont ma' qallu huh. L-imputat innega li huwa qal lil Farrugia li kien ser jispicca hazin.

Illi ttiehdu proceduri separati fil-konfronti ta ' terzi in konnessjoni mas-serq tal-container fejn Lawrence Farrugia kien wiehed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni f' dawk il-proceduri.

Ikkunsidrat:

[1] Giet esebita l-istqarrija tal-imputat li giet mehuda nhar it-28 ta' Frar 2014 li saret fil-prezenza ta' PC 723 Dorian Tanti. Gie esebit ukoll dok AD 1 li hija kopja tad-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali kif ukoll dokument AD 2 li waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju 2014 PC 724 Marco Pisani ikkonferma dok AD 2 kien hu li ha l-istess dikjarazzjoni ta' Lawrence Farrugia fl-20 ta' Frar 2014.

Lawrence Farrugia xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tal-10 t' April 2014 fejn wara li rrepeta dak li kien qal lill-Pulizija dwar dak li kien ra fit-13 ta' Frar 2014 sostna li fl-14 ta' Frar, waqt li huwa kien fil-kamra tieghu il-Freeport kien dahal l-imputat Carmelo Agius u staqsih jekk kienx il-kaz li huh Rocky Agius imur ikellmu u meta huwa ndika li ma setghax jifhem il-ghala dan kellu jmur ikellmu l-imputat waqt li kien hiereg mill-kamra qallu sabiex jinsa dak li kien ra l-gurnata ta' qabel jekk ma jridx jispicca hazin. Lawrence Farrugia spjega li dan il-kliem interpretah bhala theddid minhabba dak li kien jaf u ra fuq l-investigazzjoni tas-serq tal-container.

L-imputat Carmelo Agius ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju 2015 fejn qal li d-diskors li semma Lawrence Farrugia ma kienx ezatt. Huwa qal li kien jaf lil Lawrence Farrugia l-Freeport minhabba li dan kien jindikalu fejn ghandu jidhol bit-trukk tieghu u li fil-gurnata in dizamina wara li ha l-karti tax-xoghol mar ikellem lil Farrugia fejn qallu sabiex jikkalma s-sitwazzjoni u wara li Farrugia qallu li ma kienx fehem ghal x' hiex kien qed jirreferi huwa zied jghidlu jekk kienx il-kaz li jmur ikellmu huh izda Farrugia kompla jghid li ma kienx jaf fuq x' hiex qieghed jitkellem. Skond l-imputat, huh Rocky kien talbu sabiex ikellem lil Lawrence Farrugia ghaliex haseb li kien hemm xi argument bejniethom u kien ghal din ir-raguni li huwa mar ikellem lil Farrugia izda huwa fl-ebda hin ma kien jaf x' kien jirrigwarda dan l-argument.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li ma' dan il-kaz huwa marbut kaz iehor izda din il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu tieghu. Jinghad biss li x-xhud principali tal-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern kien ukoll wiehed mix-xhieda principali tal-Prosekuzzjoni fil-kaz l-iehor. Illi ghalhekk il-Qorti tirritjeni li dan ix-xhud kellu kull ragun li meta gie avvicinat minn membru tal-familja ta' persuna li kellu jixhed fil-konfront tieghu fil-kaz l-iehor u jintalab jinsa dak li kien ra l-gurnata ta' qabel ghaliex altrimenti jispicca hazin jara dan il-kliem bhala theddida ghalih. Illi din il-Qorti wara li semghet kemm lil Farrugia kif ukoll lill-imputat jixhdu quddiemha viva voce jidrilha li x-xhieda ta' Farrugia hija kredibbli u tirrifletti dak li gara u li inghad fl-14 ta' Frar 2014. Dan jinghad anki ghaliex il-Qorti tirritjeni li ma kien hemm ebda raguni plawzibbli il-ghala l-imputat kellu jinzel mit-trukk tieghu wara li gabar il-karti u jidhol fil-kamra ta' Farrugia sabiex ikellmu sabiex jikkalma sitwazzjoni li l-anqas biss kien jaf x' kienet tirrigwarda. Huwa ferm aktar verosimili li huwa mar ikellem lil Farrugia bl-iskop li jbezzghu sabiex dan ma jghidx dak li kien ra fil-gurnata ta' qabel dwar il-kaz tal-container li nhareg minn gewwa l-Freeport.

Stabbilit dan il-punt il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara jekk il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom fir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat fil-kawza odjerna.

Ikkunsidrat:

Ir-reat taht l-Artikolu 102 u 111 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkorrompa xhud sabiex jixhed il-falz permezz ta' uzu ta' forza, theddid jew offerta ohra u dan abbazi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 102 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. l-ingredjenti essenzjali tar-reat huma tnejn u cioe' (1) li wiehed jikkorrompi xhud sabiex jixhed il-falz fi proceduri civili jew kriminali u (2) li dan ikun akkumpanjat b' theddid, rigali jew weghdiet.

Illi ma hemmx dubju li kliem l-imputat kien wiehed ta' theddid bi skop li jbezza' lil Farrugia halli ma jaghtix informazzjoni kontra huh. L-imputat qal kliem li m' ghandhom bzonn ta' ebda interpretazzjoni meta talab lil Farrugia sabiex dak li ra l-gurnata ta' qabel jinsih jekk ma jridx jispicca hazin. Dan huwa kliem car b' messagg ta' theddid sabiex dak li kien ra fil-gurnata ta' qabel in konnessjoni mal-kaz ta' hrug ta' container minn gewwa l-Freeport ghandu jintesa' u konsegwentement ma jinghadx lil terzi persuni u fil-fatt Lawrence Farrugia fehem dawn il-kliem bhala theddida sabiex ma jghidx dak li kien ra.

Illi l-Qorti ghalkemm il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat ried li Lawrence Farrugia ma jghidx dak li kien ra fit-13 ta' Frar 2014 u li kien ser jispicca hazin jekk ma jinsiex dak li kien ra l-Qorti izda tirritjeni li l-ewwel akkuza ma tistax tirrizulta ghaliex mill-provi ma rrizultax

li Lawrence Farrugia minhabba t-theddid fil-fatt ma xehedx jew li altrimenti huwa biddel il-fatti tal-kaz f' kawza civili jew kriminali. Illi l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li f' dan il-kaz ir-eat taht l-artikolu 102 (c) ma jistax jirrizulta ghaliex l-istess artikolu jistabilixxi li l-korruzzjoni tax-xhud trid tkun giet kkunsmata minhabba t-theddid. F' dan il-kaz ix-xhud xehed u ghamel rapport fuq dak li kien qallu l-imputat. Illi jidher li f' dan il-kaz kien hemm biss tentattiv sabiex jitwettaq dak li kien mistenni bit-theddid li ghamel l-istess imputat u cioe' ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 102(b). Madankollu l-Artikolu 102 (b) li jitratta it-tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud ma jitkellimx fuq theddid meta jkun hemm it-tentattiv u inoltre l-akkuza fil-konfront tal-imputat ma kinitx ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud that is-sub-inciz (b) tal-Artikolu 102 izda tar-reat kontemplat fis-sub inciz (c) tal-istess Artikolu 102.,Irid jigi puntwalizzat inoltre li fil-mument li l-imputat kellem lil Farrugia ma kienux ghadhom inbdew proceduri kriminali in konnessjoni mas-serq tal-container u ghalhekk Farrugia ma kienx xhud f' ebda proceduri f' dak l-istadju. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati taht l-Artikolu 102 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Inoltre mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li Lawrence Farrugia ma thalliex jixhed f' xi kawza skond dak li jistabilixxi l-Artikolu 111 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew milli jaghti nformazzjoni lil xi awtorita kompetenti Jirrizulta b' mod car li Lawrence Farrugia ghamel rapport kemm mal-Pulizija fuq dak li qallu l-imputat kif ukoll xehed fil-

kawza rigwardanti s-serq tal-container minghajr ebda problemi. Illi f' dan il-kaz kliem l-imputat ma kienx tali li ma halliex lil Farrugia jaghti xi informazzjoni f' dan il-kaz lil xi awtorita' kompetenti. Fil-fatt irrizulta bic-car li mal-ewwel okkazzjoni li gie mitkellem mill-Pulizija Lawrence Farrugia fil-fatt qalilhom x' kien qallu l-imputat. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 111 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat

L-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Illi fis-sentenza moghtija fl-24 t' April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet (Il-Pulizija vs Raymond Parnis) il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassment taht din id-dispozizzjoni tal-ligi. Il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza tissottolinja l-fatt illi l-kelma 'imgieba' fit-test tal-ligi timplika 'a course of conduct' u mhux xi incident izolat. F' dik is-sentenza fil-fatt intqal is-segwenti:

> *"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of*

*an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

*L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta'* ***Blackstone's Criminal Practice, 2008****:*

***"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"***

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova*

*telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat illimputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.*

Illi mill-provi migjuba fil-kaz odjern jirrizulta li dak li gara sehh f' okkazzjoni wahda biss u ghalhekk ma kienx hemm dak li gie deskritt bhala 'a course of conduct'. Illi abbazi tal-insenjament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tara li ma jezistux dawk l-elementi ghal sejbien ta' htija tal-imputat taht l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRAT**